# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru**
**Att ta' Akkuza Nru. 8/98**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joseph sive Zeppi Polidano**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-akkuzat misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess fil-konfront tieghu mill-Onorabbli Qorti Kriminali fl-10 ta' Settembru, 1999, liema sentenza taqra kif gej:-

"Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza nru. 8/98;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-bierah dwar xi zbalji zghar li kien hemm fit-tielet kap u fil-hames kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza;

Semghet lil Joseph sive Zeppi Polidano jammetti, fl-udjenza tal-bierah, l-akkuzi migjuba kontra tieghu fl-istess Att ta' Akkuza, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni, u inghata zmien biex, jekk irid, jerga' lura minnha, u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali;

Rat il-verbal registrat mill-avukat prosekutur li ddikjara li l-fatt migjub fit-tieni kap u li jammonta ghal tentattiv ta' omicidju volontarju huwa l-istess fatt li qed jingieb bhala aggravanti tas-serq fis-sens ta' tentattiv ta' omicidju volontarju fl-ewwel kap;

Tiddikjara lil Joseph sive Zeppi Polidano hati ta' tentattiv ta' serq ikkwalifikat, u cioe' talli bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' flus f'ammont ta' aktar minn elf lira, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, b'dan illi l-istess tentattiv ta' serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (tentattiv ta' omicidju, offiza fuq il-persuna, sekwestru tal-persuna, theddid bil-fomm ta' omicidju u ta' offiza fuq il-persuna, armi,

numru), mezz (ghata tal-wicc), valur u lok (lok ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku), u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza (offiza fuq il-persuna, armi, theddid bil-fomm ta' omicidju), mezz (ghata tal-wicc) u valur (li jeccedi l-mitt liza izda mhux l-elf lira), u dan skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati ta' serq ta' oggetti li jiswew aktar minn elf lira, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza; u tiddikjarah ukoll hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, u dan skond il-hames kap tal-istess Att ta' Akkuza; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni kap tal-Att ta' Akkuza in vista tal-verbal aktar ‘l fuq imsemmi;

Wara li rat id-dikjarazzjoni tal-avukat prosekutur, maghmula fl-udjenza tal-bierah, dwar il-piena inflitta bis-sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1982 (liema sentenza hi msemmija fil-kapi kollha) fis-sens li l-piena li kienet giet inflitta kienet ta' tlett snin prigunerija, tiddikjara lill-imsemmi Joseph sive Zeppi Polidano hati li hu recidiv, izda dan biss skond l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, u mhux skond l-Artikolu 50 kif mitlub mill-Avukat Generali fl-Att ta' Akkuza;

Semghet lill-Avukat Dott. Jose' Herrera ghall-hati u lill-Assistent Avukat Generali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; semghet ix-xhieda -- Assistent Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u Supretendent tal-Pulizija Bartolomeo Mula -- prodotti l-bierah stess mid-difiza; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-kooperazzjoni tal-hati mal-pulizija kemm in konnessjoni mal-kaz *de quo* kif ukoll in konnessjoni ma' kazijiet ohra (ghalkemm tinnota li din il-kooperazzjoni kienet wahda interessata, u li ma bdietx mill-bidu nett izda giet wara li kien evidenti li l-pulizija kellhom provi cari dwar l-involviment tieghu fil-kaz); hadet in konsiderazzjoni wkoll il-gravita' tar-reati (specjalment dak kontemplat fl-ewwel kap), il-periodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll il-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni; rat ukoll il-fedina penali tal-hati, inkluza l-kundanna tas-7 ta' Ottubru, 1982; tosserva in partikolari li r-reat hekk imsejjha ta' *hold up*, ossia serq fejn persuni jigu ffermati bl-armi u misruqa, qed isir aktar frekwenti b'mod li l-piena ghandha tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fattur tad-deterrent generali;

Rat l-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 269(d), 273, 274(c), 275, 277(b), 279(b), 280(2) u 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali ghal dak li jirrigwarda l-ewwel kap; l-Artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b), 263(b), 267, 274(c), 277(b) u 279(a) tal-Kodici Kriminali ghal dak li jirrigwarda t-tielet kap; l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1) u 20 tal-Kodici Kriminali ghal dak li jirrigwarda r-raba' kap; u l-Artikoli 2, 3(1A), 19 u 27 tal-Kap. 66 ghal dak li jirrigwarda l-hames kap; rat ukoll l-Artikolu 17(b) fir-rigward tal-ewwel, it-tielet u l-hames kapi, u l-Artikolu 17(h) fis-

rigward tal-ewwel u tar-raba' kapi; kif ukoll l-Artikoli 22, 23, 31, 49 u 533 tal-Kodici Kriminali ghar-rigward tal-kapi kollha (eccetwat dejjem it-tieni kap);

Tikkundanna lill-imsemmi Joseph sive Zeppi Polidano ghall-piena ta' **ghaxar (10) snin prigunerija mill-lum**, kif ukoll tordnalu jhallas lir-Registratur is-somma ta' **erba mija u tmienja w disghin lira, u ghoxrin centenzmu** (Lm498.20) rappresentanti terz tal-ispejjez peritali inkorsi in konnessjoni ma' din il-kawza".

L-akkuzat misjub hati kif inghat interpona appell permezz ta' rikors prezentat fis-27 ta' Settembru, 1999, fejn huwa talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara l-hames kap ta' l-Att ta' l-Akkuza hu assorbit fl-ewwel kap u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kap in kwistjoni, u tikkonfermaha fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni kap ta' l-akkuza, u tikkonfermaha fejn sabitu hati biss li hu recedit that l-artiklu 49 tal-Kap 9 u tikkonfermaha fejn sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u tirriduci l-piena inflitta.

L-appellant jissottometti dan li gej:-

1. Illi l-piena fic-cirkostanzi specjali tal-kaz kienet eccessiva u mhux idoneja.

2. Illi l-hames kap ta' l-att ta' l-akkuza messu gie assorbit fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza peress li dan ir-reat se mai kien mezz ghall-fini tal-kummissjoni tar-reat dedott fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

3. Illi l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed ghall-fatt li huwa ikkoopera bis-shih mal-pulizija.

4. Illi fir-rigward ta' din il-kooperazzjoni mal-Pulizija, l-appellant jissottometti li l-kooperazzjoni tieghu kienet indispensabbli biex l-Pulizija setghet tressaq persuna ohra quddiem il-Qrati.

5. Illi l-piena nflitta f'dan il-kaz hija sproporzjonata meta titqabbel mal-piena inflitta fil-guri "Ir-Republika ta' Malta kontra Martin Dimech", fejn l-istess Martin Dimech ma kienx ammetta l-akkuzi u anqas ma kien ikkoopera mal-Pulizija u sadanittant gie ssentenzjat inqas milli fil-fatt gie kundannat l-appellant odjern.

6. Illi f'dan il-kaz si trattava ta' tentattiv ta' serq u ghalhekk ma hemmx danni pekunjarji li gew sofferti minn haddiehor.

7. Illi huwa diga ghamel zmien twil that arrest preventiv u dan ma giex ridott mill-piena inflitta. Dan jippregudikah doppjament ghax fuq iz-zmien li ghamel that arrest preventiv mhux intitolat ghal *remission*.

Kwantu ghas-sottomissjoni ta' l-appellant li hawn si tratta ta' tentativ ta' serq u ghalhekk m'hemmx dannu pekunjarju din il-Qorti tippreferi ma tghid xejn u tispera li ma tergax ikollha quddiemha sottomissjoni simili.

Kwantu jirrigwarda l-paragun illi l-appellant jixtieq li din il-Qorti taghmel ma' dak li gie deciz fis-sentenza "Ir-Republika ta' Malta kontra Martin Dimech" il-Qorti tirribadixxi dak li qalet f'diversi okkazzjonijiet precedenti li hi mhix pronta taghmel paraguni simili, kemm ghax dan mhux il-mod kif jigu decizi s-sentenzi li jkollhom il-fattispeci partikolari taghhom, u t-tieni ghaliex m'hemm xejn x'jindika illi f'xi wiehed jew iehor minn dawn il-kazijiet partikolari l-piena kellha tkun differenti minn dik li effettivament giet inflitta.

Imbaghad hemm is-sottomissjoni ta' l-appellant li l-hames kap ta' l-Att ta' l-Akkuza kellu jigi assorbit fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza peress li serva bhala mezz ghall-fini. In realta', kif id-difensur ta' l-appellant certament jaf, din m'hijiex kwistjoni ta' assorbiment ghall-fini ta' htija, imma se mai ghal fini ta' piena u ma hemm xejn x'jindika li dak il-mod kif iddecidiet l-ewwel Qorti jmur kontra l-ligi.

Kwantu ghac-cirkostanzi l-ohra li l-appellant jirreferi ghalihom jinghad li l-ewwel Qorti diga' hadet in konsiderazzjoni l-fatt ta' l-ammissjoni tieghu, il-fatt tal-kooperazzjoni tieghu, kemm in konnessjoni ma' dan il-kaz kif ukoll ma' kazijiet ohra, u osservat illi din il-kooperazzjoni ma tantx kien jimmeritaha konsiderazzjoni aktar milli effettivament taghtha jew daqs kemm kien qed jippretendi l-appellant peress li ma kienetx wahda disinteressata, u fi kwalunkwe kaz kienet xi ftit jew wisq tardiva, kif ukoll hadet in konsiderazzjoni l-perjodu li l-hati ghamel that arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz. Kien f'dan l-isfond li waslet ghall-piena ta' ghaxar snin prigunerija oltre l-kundanna ta' l-ispejjez peritali.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti assolutament ma tarax kif tista' b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti li, fil-fehma taghha, kienet moderata hafna f'dik li hija piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg
mm